MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2008

Appell Kriminali Numru. 361/2007

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Christian Pirotta**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-7 t'Ottubru, 2001, ghall-habta tad-9.30 p.m. fin-Naxxar, saq vettura numru DBE-953 :

1. minghajr ma kienet licenzjata mill-Pulizija jew mill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta, biex tintuza fit-triq (Licenzja mhux imgedda);
2. saq l-istess vettura DBE-953 minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni;
3. saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' l-imsemmija vettura DBE-953 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;
4. irrifjuta jew naqas milli jaghti kampjun tan-nifs skond il-ligi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 t'Ottubru , 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 15, 15A, 15E tal-Kap. 65, l-artikolu 3 tal-Kap. 104 kollha tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghall-hlas ta' tlitt mitt lira Maltija (LM300), fin-nuqqas ta' hlas dan l-ammont jigi konvertit fi prigunerija w skwalifikatu milli jkollu jew izomm licenzja tas-sewqan u, wara li rat l-artikolu 14 tal-Kap. 9, ordnat li l-multa hi pagabbli b'rati ta' tletin lira (LM30) mensili.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-22 t'Ottubru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tannulla w tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- 1. li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti meta ma rrizultax effettivament illi l-appellant kien hu verament li qed isuq il-vettura DBE 953 fis-7 t' Ottubru, 2001 ghall-habta tad-9 pm fin-Naxxar.; 2. Li lanqas ma jirrizulta li l-Pulizija seta' qatt kellha suspett ragjonevli li biha setghet tordna t-tehid tal-kampjun tan-nifs tal-appellant; 3. Li ma ngabat ebda prova kontrarja mill-Prosekuzzjoni li l-vettura DBE 953 kienet mekkanikament funzjonabbli; 4. Li ma ngabet ebda prova tar-rapprezentant ta' l-Elmo Insurance dwar il-Policy tal-vettura ghas-sena 2001; 5. Illi anki mix-xiehda ta' l-appellant jirrizultaw il-fatti kif indikati fir-rikors tal-appell; 6, Salv aggravji ohra.

Semghet ix-xhieda mill-gdid fl-udjenzi tas-6 u tal-14 ta' Dicembru, 2007;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-Ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi l-provi mismugha mill-gdid minn din il-Qorti jistghu jigu riassunti kif gej:-

**PS 38 PAUL ZAHRA** xehed li fis-7 t' Ottubru, 2001 fid-9.30 pm. kien ma PC 430 nezlin minn-naha tal-pjazza tan-Naxxar lejn l-ghassa u aktar 'l isfel ra l-karozza DBE 953 quddiem il-Kazin tal-Vitorja. Kien qed jirriversja w jipparkja. Meta hu wasal biswit din il-vettura, din kienet qed taghmel l-istorbju mill-magna mhux mis-silencer. Waqaf u nizel u kellem lill-appellant li hu kien jafu w qallu biex jitfi l-magna. Kif appena kellmu xammlu riha qawwija ta' xorb. Innota ukoll li kellu l-licenzja tal-vettura mhux imgedda w talbu kopja tal-insurance. L-appellant kien qal li ma kellux. Kien qallu li ser jaghmillu *breathalyser test* u wissieh lii jekk jirrifjuta li jaghmel dan it-*test* kien jikkommetti reat. L-appellant irrifjuta. Tah ukoll it-twissija li ser jaghmillu xi domandi w li ma kienx obbligat li jwiegeb u li dak li jghid seta' jingieb bhala prova.

Staqsieh x' kien qed jaghmel bil-karozza w l-appellant l-ewwel kien qallu li ma kienx saq u meta hu qallu li kien rah hu stess, l-appellant kien qallu li l-vettura kien ilha xi tlitt xhur il-garage u li kien harigha biex iwassal lil siehbu. Hu qal lill-appellant li ser jiehdu mieghu id-Depot ghal-konferma tal-*breathalyser test*. Id-Depot is-Supratendent Neville Xuereb, li kien ghadu Spettur, kien tah it-twissija li r-rifjut li jaghmel il-*breathalyser test* kien reat u l-appellant xorta kien irrifjuta li jaghmel dan u kien ukoll iffirma l-karta.

Apparti r-riha ta' xorb ix-xhud kien innota li l-appellant kien daqxejn agitat u kien jidher li kien xurban u beda jiccaqlaq 'l hemm u 'l hawn, pero' mhux jixxengel.

In kontroezami x-xhud qal li wara lil-appellant kien tefa' l-magna kienu ha jippruvaw inizzluha l-ghassa w ma setghetx tistartja. Pero' qabel hu cert li kienet qed tinsaq

ghax rah qed jirriversja biex jidhol fil-parking quddiem il-Kazin.

**PC 430 ANDREW St.JOHN** xehed li dak in-nhar hu w s-Surgent Zahra kienu fuq in-*night watch* u hargu fuq ir-ronda madwar l-agwati ta' l-Ghassa. Kif kienu ghaddejjin minn Triq Santa Lucia fejn hemm il-Kazin tal-Banda, semghu xebgha irracjar ta' karozza li kien qed johloq storbju kbir minnhabba l-fatt li t-triq hija dejqa minnha nnifisha u ovvjament minnhabba l-hinijiet li kienu. Avvicinaw fejn kien hemm il-hoss u sabu l-vettura DBE 953. Dak il-hin kienet wieqfa imma bil-magna tirracja. Go fiha sabu lill-appellant li hu minn Naxxar ukoll fid-driver's seat. Meta avvicinawh *face to face* mat-tieqa kemm hu kif ukoll is-Surgent indunaw li kellu riha qawwijja ta' xorb. Qalulu biex jitfi l-magna w tfiha w talbuh il-licenzja w l-insurance. Ix-xhud induna li l-licenzja fuq il-windscreen kienet skaduta. Talbuh l-insurance u qalilhom li ma kienetx imhallsa. Kellu xi hadd riekeb fis-seat ta' wara w iehor fuq is-seat tal-passiggier quddiem.

L-appellant hareg mill-karozza w x-xhud, mistoqsi mill-Qorti kif kien , wiegeb "Nista' nghid hekk u hekk." Tawh it-twissija li ser isirulu domandi u li jekk ried kellu d-dritt li ma jwegibx. Meta huma staqsewh kif kien saq il-karozza f' dik il-kondizzjoni meta specjalment kien fl-istat li kien u l-karozza kienet bla licenzja w insurance, l-appellant wiegeb li l-karozza kienet ilha ipparkjatha fil-post tlitt xhur. Huma kienu jafu li dan ma kienx veru ghax huma jghaddu spiss minn hemm u l-post fejn kienet kien post dejjaq b' mod li kieku riedu jghaddu t-trakkijiet tad-*deliveries* filghodu zgur li ma kienux jghaddu. Fl-ahhar ammetta illi kien hareg il-karozza minn gol-garage tad-dar biex iwassal lil siehbu f' dawk l-inhawi. Huma qalulu li ser isirlu test tal-*breathalyser* u hu irrifjuta li jaghmlu. Qalulu li r-rifjut kien reat u xorta wahda baqa' b' dak il-hsieb. Sussegwentement ittiehed id-Depot skond il-procedura .

Fejn sabu lill-appellant mhux vicin ir-residenza tieghu ghax hu joqghod fejn il-*Higher Secondary School* u hu kien wara l-Knisja w hemm naqra boghod mhux hazin. Kien is-Surgent li ccekkja mal-*control room* dwar il-

licenzja. Meta irrifjuta li jaghmel it-test ma tahomx raguni ghala kien qed jirrifjuta. Innutaw li kien qed jidhaq u mill-mod kif kien qed izomm ruhu, jistrieh mall-karozza, ma kienx *steady* u mhux *at ease*, tinduna li ma kienx f' siktu.

In kontro-ezami, x-xhud mistoqsi jekk l-appellant kienx qed jirracja biex itella' l-hgieg tat-twieqi, qal li biex ittella' l-hgieg tal-karozza ma jahsibx li hemm bzonn tirrecja; kemm tixghel l-ignition. Ma rawhx isuq il-karozza imma ammetta maghhom u ebda wiehed mill-persuni li kienu mieghu ma qalu li huma kienu saqu.

**IS-SUPRATENDENT NEVILLE XUEREB** xehed li kienu gabu lill-appellant id-Depot f' xid-9.30pm., fejn hu kien *duty officer* u dan irrifjuta li jaghmel il-*breathalyser test* wara li kien gie imwissi li r-rifjut hu reat minnu nnifsu w hu ffirma ghal dik it-twissija, xorta baqa' jirrifjuta. F' dal kaz partikolari ma jiftakarx kif kien l-appellant.

**JOSEPH MULA** xehed li l-Fiat Bravo DBE 953  kellha zewg poloz tal-insurance mal-Elmo Insurance Limited minnu rapprezentata, wahda mit-3 ta' Mejju, 1999 sat-3 t' April, 2000 u l-ohra mill-15 ta' Mejju 2002 sat-30 t' April, 2003. Ghalhekk fis-7 t' ttubru, 2001 din il-vettura ma kienetx koperta b' polza ta' asskurazzjoni mad-ditta koncernata.

**CHRISTOPHER DARMANIN** (li bil-kunsens tad-difiza xehed in rapprezentanza tal-Licensing Office minnflok Brian Farrugia li kien xehed quddiem l-Ewwel Qorti) xehed li l-licenzja tal-vettura kienet skadiet fit-30 t' April 2000 u sal-lum ghadha mhux imgedda.

**L-APPELLANT** xehed li dak in-nhar ghall-habta tas-7.30 pm. kien qieghed Paceville ma siehbu. Cemplulu mid-dar u telaq u mar id-dar. Ommu qaltlu: "*Mur ghalaq il-hgiega tal-karozza, ghax missierek ha l-karozza hemmhekk u rega' ghamilha."* Missieru wasslu w hu mar biex jistartja l-karoza biex itellalha l-hgieg u ma riedetx tistartja. Dak il-hin siehbu wasslu w marru gabu *battery* u *leads*. Qabbad il-*leads* mall-*battery*, startjaw u beda' jtella' l-hgieg. Veru irracjaw. Il-car Giat Bravo tal-99 u l-elettriku jitilghu t-

twieqi. Kellu idejh suwed. Il-karozza kienet minghajr *silencer* ukoll. Hu kien jaf li l-karozza kienet bla licenzja w insurance u ma kienx ser isuqha. Tellalha l-hgieg . Kien f' dak il-waqt li gew fuqu l-Pulizija. Meta talbuh il-licenzja w l-insurance, qalilhom li ma kellux ghax ma kienetx imhallsa. Is-Surgent qallu*: "Allura ghalfejn dan l-irracjar kollu?"* Hu wiegbu: "*Biex intella' l-hgieg. Peress li qeghdha bil-leads, ara idejja."* Is-Surgent qallu:"*Ghandek riha ta' xorb."* Hu wiegbu: *"Iva, gej minn Pacebville..pero' ma kontx ser insuq il-karozza jien."* Kien qal lis-Surgent li l-car ma kienetx f' kundizzjoni li tinsaq u qallu: *"Pprova suqha w ara ssuqhiex."* Is-Surgent qallu li veru kien qed jismaghha tahdem hazin pero' li xorta kien ser jiehdu ghall-*breathalyser.*

Dak il-hin il-Pulizija qallu li jekk ser jghid xi haga, ser jghiduha l-Qorti. Hu rega' qalilhom li l-karozza ma saqhiex. Kien hemm wiehed mieghu w s-Surgent lanqas hadlu ismu anzi qallu li ser jarrestah jekk kien ser jaghmel storbju l-ghassa. Hu ma gabux xhud pero' lil dan peress li s-Surgent kien qal li ser jarrestah. Meta s-Surgent staqsieh allura l-karozza kif giet hemm, hu kien qallu li l-karozza kien hadha hemm missieru. Kien qallu li hu jaf li missieru jbaghti minn dawn l-affarijiet u li kemm il-darba l-Pulizija kienu marru d-dar u jaraw din il-problema li jbaghti bil-*breakdown*. Meta s-Surgent qallu: *"Mela ser ingib kollox fuq missierek",* hu kien wiegbu: *"Fuq missieri…biex taqlali dan it-trouble kollu fil-familja ergajt* ..*Ghidtlek dejjem bit-trouble, ha ggib lilu. Fil-kaz ghidlu li soqtha jkien mela."* Hu *q*att ma kien qal lis-Surgent li kien wassal lil siehbu. Il-karozza hu qatt ma saqha fl-ebda mument.

In kontro-ezami l-appellant qal li missieru kien ha l-karozza hemm u kienet ilha forsi gimgha. Mhux veru li lis-Surgent hu kien qallu li kienet ilha hemm tlitt xhur. Il-karozza gieli jsuqha missieru w gieli hu stess. Il-karoza m'hijiex f' kundizzjoni li ssuq. Bit-towage kellhom johduha minn hemm. Missieru kien hadha hemm, waqfitlu w halliha hemm bil-hgieg miftuhin b' kollox. Umbaghad kien hemm xi hadd mill-Kazin, ghax ezatt faccjata tal-kazin kienet u cempel xi hadd id-dar u qal lil ommu. Meta hu kien qed jirracja hu kien bil-bieba miftuha, b' saqajh

minnhom barra, ghax ma kienx kien ser isuqha. Kienet bil-*leads* mqabbdin u bil-*bonnet* miftuh.

Il-Pulizija kien qallu: *"Itfi l-karozza. Ghalaq kollox ha mmorru l-ghassa."* Quddiemu w warajh kien hemm karozzi pparkjati dak il-hin. Meta ghalqet il-licenzja w l-insurance ma jafx ghax kollox kien f' idejn missieru, pero' meta ghalqet il-licenzja u l-insurance hu l-karozza ma missiex. Hu kien irrifjuta li jaghmel il-*breathalyser test* ghax la ma kienx ghamel reat, ghalfejn kellu jiehu t-*test*. Mhux minnu li kien irriversja l-karozza ghax anki kieku kien ried jirriversja l-karozza, din ma kienetx f' kundizzjoni li tirriversja. Kellha l-*gear box* imkisser. Il-car kienet ipparkjatha normali.

Mistoqsi mill-Qorti ghala jekk kien startja l-karozza biss biex itella' t-twieqi kellu tnejn ohra fil-karozza mieghu meta din kienet kwistjoni ta' ftit sekondi, l-appellant wiegeb li wiehed kellu mieghu li beda' jghinu biex izommlu l-*leads* fuq barra.

Hawn il-Qorti ordnat konfront mas-Surgent 430 Andrew St. John.

L-appellant rega' tenna li dan il-wiehed kien barra l-c*ar* mal-*leads.* Is-Surgent qal li dan ma kienx veru ghax gewwa kien u jekk jiftakar sew kellhom l-stereo mixghul. Eskluda li l-appellant kellu ragel barra izommlu l-*leads* dak il-hin.

Ikkonsidrat;

Illi hawn si tratta ta' kwistjoni ta' kredibilita' ghax jekk verament kellu jirrizulta li l-appellant kien dahal biss fil-karozza biex jistartjha halli jtellalha l-hgieg tat-twieqi li missieru kien halla miftuhin, wiehed irid jara jekk dan jammontax ghar-reati dedotti.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-versjoni moghtija mill-appellant ghalkemm *"se non vera e' ben trovata*" ma hix attendibbli. Fil-waqt li kemm PS Zahra u PS St. John xehdu li hu ammetta li kien saq il-car u ghalkemm l-appellant jghid li

spicca qal dan biex ma jaqlax inkwiet lill-missieru li jbaghti bil-breakdowns, din il-Qorti ma tistax taccetta din il-versjoni. L-appellant ma hu korroborat minn hadd u ghalkemm jghid li mill-inqas kellu persuna ohra mieghu dak il-hin, (Il-Pulizija xehdu li kellu tnejn fil-fatt) ma hassx il-htiega li jipproducieh bhala xhud (jew jipproducihom bhala xhieda) biex jikkorrobora din il-versjoni tieghu. L-iskuza ghala ma ghamilx dan hi wahda fqira  w ftit li xejn hija konvincenti. Ghalhekk din il-Qorti tqis li jirrizulta li hu kien fuq l-*steering* ta' karozza bil-magna tahdem fit-triq meta din il-karozza ma kienetx koperta b' polza tas-sigurta' u meta ma kellhiex il-licenzja imgedda.

Inoltre hu kellu riha ta' xorb. Kien qed jistrieh mall-karozza u deher agitat.  Hu stess fix-xhieda tieghu jammetti li kien xorob ghax kien Paceville ftit qabel u fic-cirkostanzi ghalhekk il-Pulizija kellha kull dritt u raguni biex titolbu jaghmel il-*breathalyser test,* haga li hu irrifjuta li jaghmel. Dan ir-rifjut rega' tennieh meta ttiehed id-Depot meta kien quddiem is-Supratendent Xuereb u kien f' dan l-istadju li l-appellant sar hati tar-raba imputazzjoni.

Dan ghaliex kif gie ritenut  fis-sentenza ta’ din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza u **“Il-Pulizija vs. Julian Sciberras**” [13.3.2001]  ir-reat kontemplat taht is-subinciz (4) tal-artikolu 15E jikkonfigura ruhu biss meta dak li jkun jirrifjuta li jaghti iz-zewg kampjuni tan-nifs fid-Depot wara li jkun ittiehed hemm ghax aktar qabel ikun ukoll irrifjuta li jaghti l-kampjun fit-triq lil Pulizija. Ghar-rifjut originali hemm biss ir-rimedju tal-arrest ta’ dak li jkun u dan minnu nnifsu ma jammontax ghal reat per se. (ara wkoll App. Krim. "**Il-Pulizija vs. David John Calleja"** [4.11.2004] u ohrajn)

Ghalhekk l-aggravji kollha tal-appellanti jidhru infondati w qed jigu respinti.

Konsegwentement din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------